31978R0352

22.2.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 50/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 352/78

tal-20 ta' Frar 1978

dwar l-akkreditazzjoni ta' sigurtajiet, depożiti u garanziji mogħtija taħt il-politika agrikola komuni u sussegwentement sekwestrati

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 miġjub fih,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2788/72 [2], u partikolarment l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 3(2) miġjub fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [3],

Billi taħt regolamenti tal-Komunità, sigurtajiet numeruži huma meħtieġa f'konnessjoni ma operati li għandhom x'jaqsmu ma prodotti agrikoli; billi disposizzjoni trid issir għall-akkreditazzjoni ta'sigurtajiet bħal dawn f'każijiet fejn ikunu sekwestrati;

Billi fil-maġġoranza tal-każijiet fejn siguratjiet huma sekwestrati, l-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) isofri telf finanzjarju jew għaliex iffinanzja miżura u l-operatur naqas li jilħaq l-obbligazzjonjiet tiegħu jew għaliex nuqqas bħal dan mill-operatur sussegwentement idaħħal il-FAEGG fi spiża; billi telf bħal dan għandu kosegwentement jiġi rimedjat permezz ta' l-użu ta' sigurtajiet sekwestrati biex inaqqsu l-ispiża tal-FAEGG;

Billi, madankollu, sigurtajiet li ma jkoprux riskju ta' telf finanzjarju mill-FAEGG għandhom jinżammu mill-Istati Membri;

Billi sigurtajiet sekwestrati rigward operati ta' għajnuna fl-ikel għandhom jintużaw biex titnaqqas l-ispiża konċernata;

Billi huwa tajjeb ukoll li sigurtajiet sekwestrati bħala parti minn operat speċifiku għandhom jintużaw biex inaqqsu l-ispiża li għandha x'taqsam ma dak it-tip ta' operat;

Billi regoli simili diġa jeżistu f'ċerti setturi; billi għandhom jiġu mħassra,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament għandu jgħodd għal kull sigurtà, depożitu jew garanzija fornita skond id-disposizzjonijiet adottati taħt il-politika agrikola komuni (minn issa l quddiem riferita bħala "sigurtà").

2. Madankollu, dan ir-Regolament m'għandux jgħodd għal kull sigurtà fornita

(a) f' konnessjoni mal-ħruġ ta' liċenzji ta' esportazzjoni jew importazzjoni ma' jew mingħajr fissar bil-quddiem ta' ammonti;

(b) taħt proċedura ta' l-għoti ta' l-offerti għall-uniku għan li jiżgura s-sottomissjoni permezz ta' dawk li jagħmlu l-offerti ġenwini;

(ċ) sabiex jiġi garantit dazju li jikkostitwixxi parti mir-risorsi stess tal-Komunita kif definit fid-Deċiżjoni Nru 70/243/KEFA, KEE, Euratom [4], fejn l-ammont ta' dazju bħal dan diġa' ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 2891/77 [5] u disponibbli lill-Kummissjoni.

[1] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.
[2] ĠU L 295, tat-30.12.1972, p. 1.
[3] ĠU C 125, tat-8.6.1976, p. 34.
[4] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 19.
[5] ĠU L 336, tas-27.12.1977, p. 1.

Artikolu 2

1. Kull sigurtà riferita fl-Artikolu 1 li hija sekwestrata għandha tintuża fl-intier tagħha mill-awtoritajiet jew il-korpi fl-Istati Membri biex tnaqqas l-ispiża tal-FAEGG.

2. Madankollu, kull sigurtà li hija sekwestrata rigward operati ta' għajnuna fl-ikel għandha tintuża mill-awtoritajiet jew korpi li jħallsu fl-Istati Membri biex titnaqqas l-ispiża ta' l-għajnuna fl-ikel konċernata.

Artikolu 3

1. Kull sigurtà riferita fl-Artikolu 2(1) għandha titnaqqas:

(a) mir-rifużjonijiet konċernati jekk l-operat kompletat jew propost rigward liema ġiet fornita s-sigurtà jikkonċerna kummerċ ma' pajjiżi terzi;

(b) mill-ispiża ta' l-intervent konċernata fil-każijiet l-oħra kollha.

2. Jekk l-ispiża li trid titħallas mill-FAEGG hija appoġġjata minn kontijiet, kontijiet bħal dawn għandhom jiġu akkreditati ma' kull sigurtà riferita fl-Artikolu 2(1).

Artikolu 4

L-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2306/70 tal-10 ta' Novembru 1970 dwar il-finanzjament ta' l-ispiża ta' l-intervent rigward is-suq intern f' ħalib u prodotti tal-ħalib [1] u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 786/69 tat-22 ta' April 1969 dwar il-finanzjament ta' l-ispiża ta' l-intervent rigward is-suq intern fi żjut u xaħmijiet [2] huma hawnhekk imħassra.

Artikolu 5

Ir-regoli dettaljati sabiex jiġi applikat dan ir-Regolament għandhom jiġu adotti b'mod konformi mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika għal kull sigurtà sekwestrata mill-1 ta' Jannar 1978.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Frar 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

Per HÆKKERUP

[1] ĠU L 249, tas-17.11.1970, p. 4.
[2] ĠU L 105, tat-2.5.1969, p. 1.